# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 22 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Stephen Ciangura**
**Franklyn Sghendo**
**Darren Cauchi**
**Ahmed Lazam Abras**

**Kumpilazzjoni Nru: 1227/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmiija:

**Stephen Ciangura**, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 104377(M);

**Franklyn Sghendo**, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 107289(M);

**Darren Cauchi**, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 448889(M); u

**Ahmed Lazam Abras**, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 37713A.

Akkuzati talli nhar it-22 ta' Settembru, 2013 ghal habta tal-04:00am gewwa Gianpula Disco, Triq Gi  anpula, Zebbug Malta:

1. Kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied.
2. U aktar talli hebbew ghal persuna ta' Matthew Busuttil u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. S. Lenschner MD Reg. No. 5443 mill-Mater Dei.
3. U aktar talli hadem bhala agenzija ta' gwardjan privat jew bhala gwardjan privat jew offra servizzi tieghu kemm il darba ma kellux licenzja skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-att.

U lil **Stephen Ciangura wahdu** akkuzat ukoll bhala ufficjal pubbliku, fil-kapacita tieghu bhala membru tal-Forzi Armati ta' Malta, ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qort giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita tapplika  l-artikoli 383 u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal harsien ta' Matthew Busuttil.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhoms oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh f'l-istabbiliment Gianpula nhar it-22 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta'l-4.00am u li fih allegatament wegga certu Matthew Busuttil bhala rizultat ta' aggressjoni da parti ta'l-imputati.

Illi jibda biex jinghad li mill-provi jirrizulta ampjament li dak in-nhar kien hemm zewg incidenti f'dan l-istabbiliment; l-ewwel wiehed kien jinvolvi lil Matthew Busuttil u certu Joseph Francica. Dan l-incident sehh fit-toilet u jidher mhux kontestat li f'dan l-incident Busuttil aggredixxa lil Francica, apparentement minhabba li xi granet qabel Francica agixxa b'mod inapprojpat mat-tfajla ta' Busuttil (li jisimha Diane Tonna). B'referenza ghal dan l-ewwel incident inbdew proceduri penali kontra Busuttil li ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1].

Illi Matthew Busuttil xehed[2] u spjega li hu u t-tfajla tieghu kienu qeghdin Gianpula. Meta sar il-hin ta' l-eghluq kienu hiergin u mar wiehed mis-securities, li huwa identifika bhala Darren Cauchi, fuqu u fil-waqt li qallu "*lil dak qbadt taghti*"[3] u fajjarlu daqqa ta' ponn. Fil-pront gie iehor, li Busuttil identifika bhala l-imputat Stephen Ciangura, li beda jagreddih ukoll; beda jaghtih bis-sieq u tefghu ma'l-art. Gew ohrajn, inkluz iz-zewg imputati l-ohra, b'kollox sitta jew sebgha u kollha flimkien bdew jaghtuh "*bis-sieq u bil-ponn left right and centre*". Gew il-pulizija, haduh l-ghassa maghhom u minn hemm ittiehed l-isptar ghall-kura. Busuttil jghid li seta' jaghraf lill-imputati u l-persuni l-ohra li aggredewh bhala "*securities*" ghaliex kienu kollha liebsin uniformi, kellhom il-kelma *security* miktuba fuq in-naha ta' wara tal-flokk li kienu lebsin u anke kellhom radio.

Illi mill-atti rrizulta li Busuttil kellu dbengil b' diversi abrazzjonijiet zghar fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu; ix-xoffa ta' fuq kienet minfuha; abrazzjoni ta' 1.5cm fil-qurriegha (scalp); u kellu ukoll l-aksa l-leminija minfuha. Dawn il-griehi jirrizultaw mic-certifikat mediku prezentat in atti[4]. Ghandu jigi rilevat li Busuttil ha ritratti tieghu innifsu, liema ritratti jidhru fir-rapport redatt minn Dr Stephen Farrugia Sacco[5]. F'dawn ir-ritratti jidhru ukoll xi griehi f'wahda minn dirghajh (ritratt mehud fit-22 ta' Settembru 2013) fejn kellu dbengil zghir u ftit abrazzjonijiet; u f'zaqqu (ritratt mehud fis-26 ta' Settembru 2013) fejn kellu bdengila.

[1] Kopja ta' dawk l-atti giet prezentata fil-proceduri odjerni (a fol 143). M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-provi migbura f'dik il-kawza ma jistghux jitqiesu bhala prova fil-kawza odjerna u d-depozizzjoni tax-xhieda prodotti f'dik il-kawza jistghu jitqiesu fil-proceduri odjerni biss ai fini ta' kontroll u kredibilita.
[2] Depozizzjoni a fol 57 et seq.
[3] X'aktarx b'referenza ghal Joseph Francica.
[4] A fol 11.
[5] Fol 19 et seq.

Illi dwar l-incident ma' Francica, Busuttil, fil-waqt li ammetta li kellhom xi jghidu meta kienu fit-toilet, jghid li wara dan l-incident ma kienux is-*securities* li harguh il-barra ghaliex huwa mar kompla mal-bar u x'hin bdew jitfu hareg flimkien mat-tfajla u kien dak il-hin li sehh it-tieni incident kif fuq spjegat.

Illi t-tfajla ta' Busuttil, Diane Tonna, xehedt ukoll[6]. Hija tikkonferma l-verzjoni li ta Busuttil bid-differenza li tghid li kien l-imputat Stephen Ciangura li l-ewwel mar fuq Busuttil biex jaggredih. Hija ziedet li meta rat din l-agressjoni bdiet tghajjat u tghidilhom jieqfu u l-imputat Ahmed Lazam Abras qallha biex ma tindahalx. Hija tirreferi ghall-persuni li aggredew lil Busuttil bhala *bouncers* u tghid li fuq il-flokk li kienu lebsin kien hemm il-kelma *security*. Hi ziedet li kollha kienu lebsin l-istess uniformi hlif wiehed li kien liebes flok abjad li hija assumiet li kien "*chief security*".

Illi mill-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li:

- Matthew Busuttil kien indika lil PS163 Robert Azzopardi l-erbgha imputati bhala uhud mill-persuni li aggredewh u dan wara li l-imsemmi surgent wasal fuq il-post. L-istess surgent ha l-verzjoni tal-persuni kollha koncernati. Fil-waqt li Busuttil qallu li ma kienx jaf ghalfejn aggredewh, l-imputati qalulu li, wara li gew infurmati li b'l-incident fit-toilets, huma intervjenew biex johorgu lil Busuttil barra mill-istabbiliment. Fost affarijiet ohra l-imputat Ciangura qallu li kien hemm bouncers ohra u li hu kien in charge minnhom.[7].
- Fil-gurnata li sehh l-incident hadd mill-imputati ma kellu licenzja biex jahdem bhala private guard hlif Darren Cauchi pero il-licenzja ta' dan Cauchi kienet ta' private guard biss u ma kenitx tkopri ukoll xoghol f'*places of entertainment*.[8]
- Ghalkemm gew esebieti filmati u ritratti mehuda minn dawn il-filmati, ma nstabu l-ebda filmati li juru l-incident mertu tal-proceduri odjenri ghaliex id-DVR relattiv kien bil-hsara[9].

Illi kull wiehed mill-imputati ddeponew quddiem din il-Qorti:

---

[6] Depozizzjoni a fol 66 et seq.
[7] Ref affidavit a fol 14 et seq u kontroezami a fol 170 et seq.
[8] Ref depozizzjoni ta' PC443 Vincent Mifsud a fol 80 et seq, u depozizzjoni tas-Supretendent Ramon Mercieca a fol 111 et seq.
[9] Ref depozizzjoni ta' Matthew Degiorgio a fol 76 et seq; depozizzjoni ta' PC45S Brian Cassar a fol 87 et seq; u depozizzjoni ta' Herbert Vella a fol 92 et seq u fol 117 et seq.

- Darren Cauchi[10] jghid li fil-gurnata in ezami huwa kien xoghol Gianpula u kien "*crowd control*" jiccekkja min jidhol, min johrog, u t-timbri; hu kien liebes polo shirt celesti bil-kliem *crowd control* fuq wara. Jghid li *security* xogholhom huwa differenti ghaliex huma jiccekkjaw mal-bibien fil-bidu u jferrqu n-nies; dawn jilbsu flok iswed li ghandu l-kelma *security* fuq wara. Jispjega li f'xi hin gie infurmat li fit-toilets kien hemm ragel f'ghadira demm. Mar u sab lill-mara li tnaddaf tghajjat u ragel mitluq fid-demm; hu flimkien ma persuni ohra ha lill-dan ir-ragel (li kien Francica) barra hdejn l-ambulanza. Dan ir-ragel qallhom li kien ragel mibni liebes qmis hamra checked li kien ghamel ghalih. Cauchi u dawk li jahdmu mal-bibien ftehmu li jaghlqu l-bibien kollha hlif l-exit prinicipali fejn qadu biex isibu lil dan ir-ragel; sadattant hu cempel lill-pulizija ta' l-RIU. Ghadda ftit hin u komplew hergin in-nies; Francica ra lil Busuttil hiereg u indikah. Busuttil prova jdur lura pero Cauchi u shabu marru jwaqqfuh; Busuttil ghamel ghalihom. Huma pero zammewh sa kemm gew il-pulijza ta'l-RIU u hargguh barra. Cauchi mbaghad kompla fuq xogholu, Gew il-pulizija tad-distrett u dak il-hin Busuttil identifikah bhala wiehed mill-persuni li hu (cioe Busuttil) allega li aggredewh. Mistoqsi xi griehi kellu Busuttil, Cauchi qal li ma jahsibx li kellu griehi hlif xi titjir ta' demm li huwa issugerixxa li kien ta' Francica.
- Stephen Ciangura[11] jispjega li l-genituri tieghu ghandhom kumpanija jisimha Executive Security Services u li fis-sena 2008 kienu hadu kuntratt biex jihdu hsieb il-kumpless Gianpula. Jghid li fil-gurnata in ezami wasal Gianpula ghall-habta tas-2.30am/3.00am u ltaqa' ma l-imputat Cauchi. Gew infurmati minn xi nies li kien hemm persuna feruta fit-toilet; marru jfittxu u sabu lil Francica ma'l-art kollu demm. Dak il-hin Ciangura infixel tant li ma jafx min cempel lill-pulizija (hux hu jew Cauchi). Ikompli jispjega li hargu 'l barra biex jghajjtu lill-paramedici li jkun hemm ma'l-ambulanza u regghu dahlu maghhom fit-toilets u mbaghad hargu lil Francica. Meta hargu kien hemm il-pulizija ta'l-RIU u wiehed minnhom beda jghinhom biex iqeghduh f'l-ambulanza. Francica beda jigi mistoqsi biex jghid x'kien gara u hu tahom deskrizzjoni tal-persuna li aggredithu. Ciangura jghid li huwa baqa' barra sa kemm waslu anke l-pulizija tad-distrett.

[10] Depozizzjoni a fol 193 et seq.
[11] Depozizzjoni a fol 203 et seq.

- Ahmed Lazam Abras[12] jghid li fil-gurnata in ezami kien xoghol Gianpula mal-parti tal-VIP u li ma jkunx jista' jiccaqlaq minn hemm. Meta l-istabbiliment kien qed jaghlaq u kienu qed johorgu lin-nies il-mara li tnaddaf it-toilet kienet qed tghid lil xi wiehed fih ragel il-kliem: "*kont ser toqtlu*". Jaf li kien hemm il-pulizija ta'l-RIU pero effettivament ma jghid xejn aktar utli dwar l-incident hlif li huwa lil Busuttil ma kienx jaf min hu qabel ma bdew il-proceduri odjerni u li ma kien jaf b'xejn b'dak li gara jekk mhux wara li kellmuh il-pulizija.
- Franklyn Sghendo[13] jghid li xogholu kien ma'l-exit jikkontrolla n-nies meta ghall-habta ta'l-3.45am gew in-nies jghidu li fit-toilet kien hemm ragel f'ghadira demm. Shabu marru johorgu lil dan ir-ragel u hu baqa' barra; lil dan ir-ragel harguh u haduh f'l-ambulanza u wara ftit gew il-pulizija. Jghid li lil Busuttil identifikah Francica meta dan kien f'l-ambulanza u li kienu l-pulizija li zammewh.

Illi tressqu diversi persuni bhala xhieda in difeza pero fil-bicca l-kbira hadd ma ftakar xejn; min ftakar xi haga ma qal xejn li b'xi mod seta' jitfa dawl fuq jekk kienx hemm kollutazzjoni bejn l-imputati u Busuttil.

Illi Philippa Bartolo[14], il-mara li kienet qed tiehu hsieb it-tindif tat-toilets, tispjega x'rat u x'semghet meta marret biex tnaddaf it-toilets u rat lil Matthew Busuttil jaggredixxi lill Francica. Tghid li meta rat lil Busuttil jaghti lil Francica[15] bdiet tghajjat u kien hemm koppja li marru jghajjtu lis-security. Busuttil lahaq telaq 'l hemm meta waslu s-security li hadu lil Francica. Hi baqghet hemm tiehu hsieb it-tindif u meta aktar tard kienet hierga mill-istabbiliment biex tmur id-dar waqqafha pulizija u hi identifikat lil Busuttil bhala l-persuna li aggreddiet lil Francica. Bartolo tghid ukoll li x'hin Busuttil telaq mit-toilets wara l-aggressjoni fuq Francica hi ma ratlux griehi lil Busuttil.

Illi Joseph Francica[16] jispjega kif aggreddih Busuttil u x'gara immedjatament wara pero ma jiftakarx wisq aktar hlif li eventwalment, meta kien qieghed f'l-ambulanza hdejn l-exit ta' Gianpula, ra lil persuna li aggredietu. Jghati l-impressjoni li l-imputat Ciangura baqa mieghu il-hin kollu hdejn l-ambulanza.

---

[12] Depozizzjoni a fol 218 et seq.
[13] Depozizzjoni a fol 223 et seq.
[14] Depozizzjoni a fol 231 et seq.
[15] Hi me identifikat lil hadd b'ismu.
[16] Depozizzjoni a fol 237 et seq.

Illi tressqu ukoll tnejn mill-pulizija ta'l-RIU li intervjenew dak in-nhar ta'l-incident pero ma taw l-ebda informazzjoni utli dwar l-aggressjoni sofferta minn Matthew Busuttil.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputati hija dik kontravvenzjonali ravvizata f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe il-ksur tal-paci u bon ordni pubblika.

Illi l-ewwel citazzjoni li nhareg kontra l-imputati kienet dik li tidher a fol 5 tal-process; din inharget f'l-24 ta' Ottubru 2014 u kienet tirreferi biss ghall-ewwel tnejn mill-erbgha imputazzjonijiet odjerni. Fis-16 ta' Dicembru 2013 inharget citazzjoni ohra (dik li tidher a fol 3 tal-process); din id-darba gew elenkati l-ewwel tlett imputazzjonijiet minn dawk odjerni. Fis-26 ta' Awissu 2014 inharget it-tielet citazzjoni, dik a fol 1 tal-process u li issa kien fiha l-erbgha imputazzjonijiet odjerni.

Illi dawn it-tlett citazzjonijiet kienu gew prezentati quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta tad-distrett. Dik il-Qorti, tenut kont tal-fatt li dak in-nhar r-raba imputazzjoni kienet tezorbita l-kompetenza originali taghha, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri u l-atti intbghatu lir-Registratur tal-Qorti; dan fil-fatt gara fid-9 ta' Dicembru 2014. L-atti mbaghad gew assenjati lil din il-Qorti kif presjdeuta biex jerga jibda jinstema' l-kaz. Il-kawza regghet giet appuntata ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 2015. L-imputat Stephen Ciangura gie notifikat fit-12 ta' Jannar 2015[17]; l-imputat Ahmed Lazar Abras gie notifikat f'l-14 ta' Jannar 2015[18]; iz-zewg imputati l-ohraa gew notifikati fil-25 ta' Frar 2015[19].

Illi ai termini ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reat imsemmi f'l-ewwel imputazzjoni, in kwantu reat kontravvenzjonali, taqa' bid-dekors ta' teltt xhur.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew fit-22 ta' Settembru 2013. L-imputat gew notifikati bil-proceduri odjerni f' Jannar u Frar 2015 u

[17] Riferta a fol 43.
[18] Riferta a fol 39.
[19] Riferti a fol 46 u 47.

ghalhekk ferm wara t-tlett xhur imsemmija f'l-artikolu 688(f). Konsegwentement l-azzjoni fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni hija preskritta.

Ikkunsidrat

Illi peremezz tat-tieni imputazzjoni l-imputati qed jigu addebietati bir-reat ravvizat f'l-artikolu 221 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li kkawzaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Matthew Busuttil.

Illi huwa car, mir-riassunt tal-provi aktar'l fuq, li hemm kunnflitt bejn il-verzjoni mghotija minn Matthew Busuttil u t-tfajla tieghu min-naha u l-verzjoni mghotija mill-imputati min-naha l-ohra.

Illi minkejja dan il-kunflitt l-Qorti hija tal-fehma li tista tasserixxi li meta Matthew Busuttil telaq mit-toilets wara l-kollutazzjoni ma' Francica huwa ma kellux griehi f'wiccu u li l-qmis li kien liebes kienet ghada maqfula u mhux mqatta'. Dan jirrizulta mhux biss mid-depozizzjoni ta' Philippa Bartolo imma anke mill-filmat esebiet. Meta waslu l-pulizija fuq il-post, wara li gie imwaqqaf milli jitlaq, gie nutat li Busuttil kellu demm, bdengil ma wiccu u kellu l-qmis imqatta'. Huwa car ghalhekk li Busttil soffra dawn il-griehi f'xi hin wara l-kollutazzjoni ma' Francica u sa kemm waslu l-pulizija.

Illi kif diga ntqal Busuttil qed jallega li kienu l-erbgha imputati flimkien ma *securities* ohra li aggredewh waqt li kien hiereg meta sar il-hin biex il-kumppless jaghlaq. Jispecifika li l-ewwel daqqa tahielu l-imputat Cauchi, it-tieni daqqa tahielu l-imputat Ciangura u li mbaghad intevjenew diversi nies ohra, inkluz iz-zewg imputati l-ohra, u bdew jaghtuh *bis-sieq u bil-ponn left right and centre*". Diane Tonna da parti taghha tghid li l-ewwel daqqa tahielu l-imputat Ciangura; hi ukoll tghid li gew xi sebgha b'kollox kulhadd jaghtih bis-sieq u bil-ponn. Tlieta mill-imputati jichdu li huma kienu involuti f'xi kollutazzjoni ma' Busuttil; Ciangura jghid li huwa kien il-hin kollhu barra hdejn l-ambulanza ma' Francica; Sghendo jghid li huwa kien xoghol mal-bieb u li ma kien involut f'xejn; u Abras jghid li huwa kien il-hin kollu hdejn il-VIP area u ma kellu l-ebda involviment, lanqas meta kien, flimkien ma shabu, qed johorgu lin-nies fil-hin ta' l-eghluq. L-imputat Cauchi biss wasal biex ammetta li kien hemm xi tip ta'kollutazzjoni ma' Busuttil; huwa fil-fatt jghid li meta Francica identifikah lil Busuttil hdejn l-exit, Busuttil prova jerga jidhol, twaqqaf hdejn it-tieni bieb u zammewh (Cauchi kien

wiehed minn dawk li zammewh) sa kemm waslu l-pulizija. Cauchi jghid ukoll li meta waqqfuh lil Busuttil hu ghamel ghalihom.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rielvat li Busuttil u Tonna ma tantx kienu xhieda kredibbli f'xi aspetti tad-depozizzjoni taghom. Zgur li ma jistghux jinghataw kredibblita meta jiddeskrivu l-aggressjoni subieta minn Busuttil ghaliex kieku verament kien hemm sebgha min-nies li bdew jaggredixxu lil Busuttil, u kollha jaghtu bis-sieq u bil-ponn, anke meta Busuttil kien waqa' ma'l-art, zgur li l-griehi li kien isoffri kienu jkunu ferm aktar gravi minn dawk li fil-fatt soffra li kollha kienu ta' natura hafifa.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li l-imputati ukoll ma tantx kienu xhieda kredibbli u l-Qorti ghandha dubbji dwar dak li jghidu u jasserixxu. Minkejja dan hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati 'l hemm minn kull dubbju detatt mir-raguni[20]. L-unici fatti li jirrizulta indubbjament (fir-rigward ta'l-imputazzjoni issa in ezami) huma li fil-mument li kien hiereg mill-istabbiliment Gianpula, Matthew Busuttil soffra griehi ta' natura hafifa u li dawn il-griehi gew ikkawzati fil-kollutazzjoni li kien hemm bejnu u bejn xi persuni addetti mis-sigurta f'l-istess stabbiliment; fost dawn il-persuni addetti zmis-sigurta zgur kien hemm l-imputat Darren Cauchi. Tenut kont ta' dak li jghidu l-imputati l-ohra u minhabba li Busuttil u Tonna ma tantx huma kredibbli bhala xhieda u tenut kont ukoll tal-kunflitt fil-verzjonijiet mghotija l-Qorti mhiex sodisfatta li hemm provi sufficjenti li juru li t-tlett imputati l-ohra kienu involuti fil-kollutazzjoni ma' Busuttil.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li din it-tieni imputazzjoni giet pruvata biss fil-konfront ta'l-imputat Darren Cauchi.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-erbgha imputati qed jigu addebietati bir-reat ravvizat f'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta; dan jipprovdi li:

[20] Ghandu jigi rilevat ukoll li naturalment dak li jghid kull wiehed mill-imputati jista' jintuza biss bhala prova fil-konfront tieghu biss u ma jistax jintuza la favur u lanqas kontra l-imputati l-ohra.

*Ebda persuna ma għandha taħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza .....*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-erbgha imputati kienu xoghol fil-kumpless Gianpula, post ta' divertiment. Matthew Busuttil u t-tfajla tieghu jirreferu ghall-imputati bhala *securities* u jghidu li fuq il-wara tal-flokk li kienu liebsin kien hemm il-kelma *security*. Philippa Bartolo, il-persuna li kienet qed tnaddaf it-toilet u rat lil Matthew Busuttil jaggredixxi lil Joseph Francica, tirreferi ghal persuni li ssejhu biex jghatu l-ghajnuna bhala *tas-security*. Fil-filmat tas-CCTV li juri x'gara fit-toilet area fejn gie aggredit Francica l-addetti li marru jaghtu l-assistenza, u li Bartolo irreferit ghalihom bhala *security*, kellhom il-kliem *crowd control* fuq il-flokk; l-imputat Ciangura ma kellu l-ebda kliem miktub fuq il-flokk li kien liebes pero kien ta' kulur differenti: tieghu kien abjad ta' l-ohrajn kien celesti.

Illi fil-verita la t-titolu li terzi setghu jaghtu lill-imputati u lanqas t-titolu li l-imputati ghogobhom jaghtu lilhom infushom m'huwa relevanti ghad-determinazzjoni ta' l-imputazzjoni issa in ezami. Dak li huwa relevanti huwa x'kienu l-mansjonijiet taghhom dak in-nhar.

Illi fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Bernard Briffa[21] l-Qorti ta'l-Appell Kriminali stabbilit li indipendentement minn kif persuna issejjah lilha nnifisha jew x'titolu tinghata mill-principal taghha, jekk is-servizzi li tkun qed tipprovdi huma ta' security guard, allura jehtiegilha licenzja. Fil-fatt fis-sentenza hawn imsemmija l-Qorti qalet li:

*mill-agir ta'l-appellanti f'dan l-incident ghandu johrog illi huwa kien qed jipprovdi servizzi bhala security guard u mhux customer care billi jidher illi l-manzjonijiet tieghu fl-istabbiliment kienu li jipprovdi l-ordni u mhux li jassisti lill-klijenti. Dan ifisser allura illi sabiex jaghmel dan ix-xoghol kien jenhtieg li ikollu licenzja valida mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-termini ta' dak li jipprovdi il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, liema licenja irrizulta illi ma kienx jipposjedi u li x'aktarx minhabba f'din ir-raguni inghata il-job description bhala customer care mill-principal tieghu.*

[21] Deciza 31 ta' Meju 2017.

Illi x'inhuma s-servizzi ta' gwardjan privat li jirrikjedu licenzja (u hemm taghmel referenza ghalihom f'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 fuq kwotat) jirrizulta mill-istess Kapitolu 389. Fil-fatt l-artikolu 2 bhala servizzi ta' gwardjani privati:

*(a) il-prevenzjoni .... ta' intrużjoni, dħul jew attività mhux awtorizzata, vandaliżmu jew dħul abbużiv fi proprjetà privata; .....*
*(ċ) il-kontroll, ir-regolazzjoni jew id-direzzjoni tal-moviment tal-pubbliku f'arei privati jew ristretti, sew bl-użu ta' vettura jew xort'oħra, biex tkun assigurata l-protezzjoni ta' proprjetà;*
*(d) il-protezzjoni ta' individwi minn offiżi fuq il-persuna;*
*(e) il-protezzjoni tal-proprjetà;*
*(f) il-provvista ta' persuni sabiex jgħassu flus jew xi proprjetà oħra li tkun qed tinġarr jew il-provvista ta' trasport għal dawk il-flus jew proprjetà oħra; ........*

Illi l-imputat Stephen Ciangura ma tax titolu ghax-xoghol li jaghmel pero spjega li l-kumpanija tal-familja tieghu kienet inkarigata biex tiehu hsieb is-sigurta kollha tal-kumpless Gianpula u li fil-gurnata in ezami huwa mar fil-hin ta'l-eghluq minhabba l-cash li jkun hemm u biex jissorvelja l-eghluq ta'l-istabbiliment. F'dik l-istess gurnata meta Philippa Bartolo rat l-aggressjoni fuq Francica Ciangura u baghtet ghas-"*securities*" mar Ciangura ukoll biex jikkontrolla s-sitwazzjoni u fil-fatt fil-filmat tas-CCTV jidher qed jiehu sehem attiv hafna f'dak li kien qed jigri u eventwalment anke intervjena ma' ohrajn biex Francica jghidilhom x'gara u min kien li aggreddih.

Illi l-imputat Darren Cauchi jghid li xogholu kien mal-bieb, jikkontrollha min jidhol u min johrog. F'xi hin meta kien qieghed barra hdejn l-exit gie infurmat b'dak li kien qed jigri fit-toilet u mill-ewwel mar biex jaghti s-servizzi tieghu. Meta hargu lil Francica, ma shabu, beda jipprova jara x'gara u jiehu deskrizzjoni tal-persuna li aggredit lil Francica. Ftehem ma' shabu tal-bibien li jaghluq l-exits kollha biex l-aggressur ta' Francica jkun kostrett johrog minn l-unika bieb miftuh. Meta identifikawh Cauchi, ma shabu, waqqaf lil Busuttil u addirittura zammewh sa kemm jaslu l-pulizija. Hija ta' certa relevanza d-dsekrizzjoni li ta Cauchi (f'tentattiv biex jikkonvinci lill-Qorti li huwa ma kienx qed jaghmel xoghol ta' security) tax-xoghol ta' security; huwa fil-fatt jghid li dan (xoghol is-securities) kien li *jferrqu n-nies, jiccekkjaw mal-bibien fil-bidu l-ID Cards u hekk.*

Illi l-imputat Ahmed Lazam Abras la jaghti titolu lilu nnifsu u lanqas jaghti deskrizzjoni tar-rwol li huwa kien jokkupa. Huwa jghid sempliciment li xogholu kien ghassa mal-VIP area u li kien liebes il-flokkijiet il-blu (cioe dawk li ghandhom il-kliem crowd control fuqhom) u li x'hin isir il-hin hu ma ohrajn johorgu lin-nies bil-mod.

Illi l-imputat Franklyn Sghendo jghid li huwa kien joqghod mal-bieb, "*nitfa' n-nies fil-kju*", jara l-biljetti, u johrog lin-nies meta jsir il-hin.

Illi huwa car li, minkejja ta' x'kienu jsejjhu lilhom innfushom, x-xoghol li kull wiehed mill-imputati jghid li kien jaghmel jaqa' taht xi wahda jew ohrajn mill-attivita imsemmija fid-definizzjoni ta' servizzi ta' gwardjan privat fuq kwotata.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li fit-termini tal-Kapitolu 389 jistghu jinhargu diversi licenzji u li min jippresta servizzi ta' gwardjan privat f'postijiet ta' divertiment kien jirrikjedi licenzja specjali. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputati kienu qed jipprestaw servizzi f'post ta' divertiment.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li, ghalkemm l-imputat Darren Cauchi kellhu licenzja biex jahdem bhala gwardjan privat, fil-gurnata in ezami hadd mill-imputati ma kellu licenzja specifika ghal xoghol bhala gwardjan privat f'postijiet ta' divertiment.

Illi in vista tas-suespost ir-raba imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi r-raba imputazzjoni hija migjuba fil-konfront biss ta' l-imputat Stephen Ciangura u tirreferi ghar-reat ossia aggravju ravvizat f'l-artikolu 141 ta'l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; dan jipprovdi li

> *... kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*

Illi ai termini tad-definizzjoni mghotija f'l-artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

> *Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u* ***militari****, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.*

Illi ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat Ciangura, in kwantu membru tal-Forzi Armati ta' Malta, ghandu jitqies bhala ufficjal pubbliku.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Emanuel Testa[22] stabbilit ukoll li:

> *Biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati).*

Illi kif irrilevat il-Qorti ta'l-Appell fil-kawza hawn kwotata dan l-obbligu statutorju zgur jinkombi direttament fuq il-pulizija ai termini ta' l-artikolu 346(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn qari tal-Kapitolu 220 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultax li hemm xi obbligu simili impost b'mod generali fuq il-membri tal-Forzi Armati.

Illi pero ai termini ta'l-Avviz Legali 66 ta' l-1980[23]

> *Fil-qadi ta' dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali, moghtija lilu mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, sew jekk dawk id-dmirijiet isiru fuq l-art, fuq il-bahar jew fl-ajru, membru tal-Forzi Armati ta' Malta jkollu s-setgha li jezercita dawk il-funzjonijiet,*

[22] Deciza 17.07.2002
[23] SL 220.06

*setghat u dmirijiet kollha li bil-ligi huma vestiti f'ufficjal tad-Dwana jew f'membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta..*[24]

Illi ghalhekk meta membri tal-Forzi Armati ta' Malta jinghataw dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali huma jkollhom l-istess poteri u dmirijiet li legalment huma vestiti fil-pulizija. Dan ifisser li f'dawn ic-cirkostanzi membri tal-Forzi Armati jkollhom l-obbligu li jimpedixxu reati kriminali milli jsehhu u li jissorveljaw li ma jsirux reati.

Illi jidher pero li dmirjiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali mhumiex imposti fuq il-membri kollha tal-forzi armati imma jigu assenjati lil membri partikolari mill-Kap Kmandat. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-imputat Ciangura huma membru tal-Forzi Armati ma jirrizultax x'kariga jokkupa f'l-armata u lanqas x'inhuma d-doveri tieghu. Konsegwentement, u fin-nuqqas ta' prova li Ciangura kien inghata *dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali*, din ir-raba imputazzjoni ma tistax tissussisti.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali ta' kull wiehed minnhom. Fir-rigward ta'l-imputat Cauchi hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li huwa ma kienx wahdu fil-kollutazzjoni ma' Busuttil.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputati Stephen Ciangura, Franklyn Sghendo u Ahmed Lazam Abras hatja tat-tieni imputazzjoni u tilliberahom minnha, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat Stephen Ciangura hati tar-raba imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Darren Cauchi hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikundannah multa ta' elfejn Euro (€2,000) ghat-tielet imputazzjoni u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni; u wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Stephen Ciangura,

[24] Ir-Regolament 2.

Franklyn Sghendo u Ahmed Lazam Abras hatja tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom multa ta' elfejn Euro (€2,000) kull wiehed. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiskwalifika lil kull wiehed mill-imputati minn kull licenzja taht l-imsemmi Kapitolu 389 ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Darren Cauchi fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**